MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 65/2003

John Schembri f'ismu u f'isem id-ditta Johnny' s Household Goods
vs
Mark Mallia u Neville Attard f'isimhom u f'isem is-socjeta` The Production House Limited

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Peress illi l-konvenuti proprio et nomine kkostitwew ruhhom debituri tal-attur ghas-somma ta' disat elef sebgha mija u hamsin lira u tmienja u erbghin centezmu (Lm9750.84) permezz tal-iskrittura annessa mac-citazzjoni (Dok A);
U peress li l-istess konvenuti hallsu biss parti minn din is-somma u issa hija dovuta s-somma ta' Lm8,142.67 (tmint elef, mija u tnejn u erbghin lira u sebgha u sittin centezmu);

U peress li interpellati diversi drabi naqsu li jhallsu;

U peress li ghalhekk il-konvenuti ma kellhomx eccezzjonijiet validi x' iressqu;

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura ossija bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tikkundanna lill-konvenuti proprio et nomine jhallsu lill-attur is-somma ta' Lm8142.67;

Bl-ispejjez; il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**

Illi John Schembri pprezenta affidavit fejn qal illi l-konvenuti proprio et nomine ikkostitwew ruhhom debituri tal-attur ghas-somma ta' disat elef sebgha mija u hamsin lira u tmienja u erbghin centezmu (Lm9750.84) permezz tal-iskrittura (Dok A). Illi l-istess konvenuti hallsu biss parti minn din is-somma u issa hija dovuta s-somma ta' Lm8,142.67 (tmint elef, mija u tnejn u erbghin lira u sebgha u sittin centezmu) u interpellati diversi drabi naqsu li jhallsu. Illi l-konvenuti ma kellhomx eccezzjonijiet validi x' iressqu.

**KONKLUZJONIJIET:**

Rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mil-ligi.

Deher il-konvenut Mark Mallia li ammetta t-talba kif dedotta ghalkemm talab zmien ghall-hlas. L-attur fil-

prezenza tal-konsulent legali tieghu ddikjara li m' ghandux oggezzjoni li l-hlas jibda jsir fi zmien xahrejn.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni u kif specifikata fil-verbal tidher gustifikata, tilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fic-citazzjoni u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsuh is-somma ta' Lm8142.67 dovuti kif inghad billi l-hlas jibda jsir fi zmien xahrejn.

Spejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------